MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2015

Avviz Numru. 31/2015

**Mobisle Communications Ltd**

**(C 24655)**

**vs**

**Hjalte Anders**

**(Passport nru 52989014SE)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-23 ta' Jannar 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' disat elef u hamsa u tmenin Euro u tlieta u tmenin centezmu (€9,085.83) rapprezentanti servizz tat-telefon cellulari bil-kont numru 40285788 kif ahjar deskritt fl-avviz.

Bl-ispejjez kif deskritti fl-avviz u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati permezz tal-pubblikazzjoni u affissjoni u dana billi, fil 15 ta' Mejju 2015, saret l-affissjoni gewwa l-Kunsill Lokali Gzira, l-Ghassa tal-Puluzija gewwa Gzira u fl-indirizz ta' l-intimat (fol 11A tergo), saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fit 12 ta' Gunju 2015 (fol 14) u fit-Times of Malta fid 9 ta' Gunju 2015 (fol 13).

Illi fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2015 is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut (fol 16).

Rat illi fis-seduta ta' llum, il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' ta' disat elef u hamsa u tmenin Euro u tlieta u tmenin centezmu (€9,085.83) ghar-ragunijiet kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut kif mitluba.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------